Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Balzan

## Laqgħa Nru. 21

Data: 20 ta' Ġunju 2016

Ħin: 4.30pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

Preżenti:

| | |
|---|---|
| ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** |
| ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku (16.40pm)*** |
| ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** |
| ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** |
| ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** |
| **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Traffic Management Master Plan
6. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti
8. Affarijiet Oħra
9. Aġġornament.

## 1 <u>Qari u approvazzjoni ta' Minuti</u>

**1.1** Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti ta' Dsatax u Għoxrin laqgħa. Kopja tal- minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**1.2** Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Joe Galea talab korrezzjoni fil-minuti tal-laqgħa Għoxrin f'paragrafu 6.5 jizdiedu l-kliem *" huma kompla qal li jidher li d-deċizjoni ttieħdet barra mill-kunsill u dan sar kontra kull etika*".Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament.Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**F' dan il-ħin ( 16.40) daħal il-Viċi Sindku, Andre Grech**

## 2 <u>Punti maqjma mill- Minuti</u>

**2.1** Is-Sindku informa lill-Kunsill li deċizjoni mill-MEPA fuq il-permess tal-Uffiċċju l-ġdid għandha tittieħed fix-xahar ta' Lulju.

**2.2** Il-Kunsillier Joe Galea qal li fir-rigward tar-rapport li kellu jħejji l-perit tal-Kunsill fuq il-bankina ta' quddiem 83/84, il-perit infurmah li qed jistenna lilu jtih il-go ahead. Is-Sindku qal li dan mhux minnu għax personalment qal lil perit iħejji r-rapport għax teknikament, il-bankina hija perikoluża. Dan ir-rapport irid jitlesta mill-aktar fis possibli.

**2.3** Fir-rigward tal-pots, is-Sindku qal li apparti l-kwotazzjoni li għandna f'idejna, jidher li hemm tipi ta' sizes differenti u għalhekk għandu jkollna f'idejna kwotazzjonijiet oħra flimkien ma' tal-bankijiet għal Wied Ħal Balzan u deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

**2.4** Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-culling tal-ħamiem infurma lill-Kunsill li dan ser iseħħ nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2016.

**2.5** Is-SE informa lill-Kunsill li l-karozzi abbandunati li kien hemm fl-għalqa f'Wesgħa Profs Aquilina ġew mneħħija kollha bil-kollaborazzjoni tal-Pulizija tad-Distrett.

## 3. <u>Komunikazzjoni tas-Sindku</u>

**3.1** Wara konsultazzjoni mal-Greenpak, is-Sindku ressaq għall-approvazjoni tal-Kunsill proposta biex jitneħħa wkoll il-bring in site li hemm fi Triq Wiġi Ebejer u minfloku jiżdiedu tlett parking spaces. Is-sitwazzjoni avolja bil-cameras installati baqgħet diġġenera ruħa fejn l-ammont ta' żibel barra l-iskips kien bla kontroll. Huwa talab ukoll li l-camera li hemm installata f'din it-triq titneħħa u tiżdied ma' dik li hemm diġa f'Wesgħa Profs Aquilina. Il-Kunsill approva.

**3.2** Is-Sindku ressaq proposta ta' xi individwi li ż-żibel jibda jinġabar filgħaxija u mhux filgħodu biex nevitaw konġestjoni tat-traffiku. Din il-proposta ma ġietx approvata.

**3.3** Is-Sindku talab li l-pots li hemm fi Triq B. Bontadini jiġu msaqqija,

**3.4** Is-Sindku staqsa fejn waslu x-xgħolijiet ta' welding tal-ispralli f'Wied Ħal Balzan

**3.4.1** Il-Kunsillier Joe Galea infurmah li min kellu jagħmel ix-xogħol f'daqqa waħda infurmah li dan ma jistax jagħmlu u għalhekk ha jipprova jsib lil xi ħadd ieħor.

**3.5** Is-Sindku ressaq talba ta' l-avukat R. Farrugia fejn quddiem dar nru 55 ser jinfetaħ garaxx u talab li ssir kaxxa safra quddiemu. Il-Kunsill ser jibgħat din it-talba għal approvazzjoni ta' Transport Malta.

**3.6** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda ittra mis-Sinjura Borg Olivier fejn qed tallega li l-Kazin San Gabriel poġġa llegalment rampa quddiem id-daħla tal-Każin fi Pjazza Annunzjata kif ukoll abbużi simili fuq pavimentar quddiem Drapes f'Wied Ħal Balzan u quddiem Cose Casa u Manor House fi Triq It-Tlett Knejjes. Għalhekk xejn mhu ser iżommha li ż-żewġ no parking signs li għandha quddiem id-dar tagħha Palazzo Olivier issa jiġu mpoġġija permanenti.

**3.6.1** Il-Kunsill talab lis-SE biex ikellem lis-Segretarju tal-Kazin San Gabriel u jipprovdiħ bil-permessi neċessarji kif ukoll issir talba ma’ Transport Malta biex titwaħħal bollard jew inkella naraw x'jista' jsir.

**3.7** Is-Sindku xtaq jgħid grazzi pubblikament lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom biex seta' jkollna suċċess fl-attivita' Balzan Arts and Festival.

**3.8** Is-Sindku ta xi dettalji ta' żviluppi li seħħew s'issa fir-rigward tal-għalqa li tinsab f' Wesgħa Profs Aquilina biex tintuża bħala parking area.

## 4. <u>Korrispondenza u Ilmenti</u>

**4.1** Ittra Nru 5837: Talba mill-headmistress tal-iskola primarja għat-trasport ta' xi siġġijiet għal attivita’. Il-Kunsill approva b'riservi u talab lis-SE biex jikteb lura u jinfurmaha li bħala skola għal darb'oħra għandha titlob l-għajnuna tad- Dipartiment tal-Edukazzjoni għal trasport u mhux aktar lill-Kunsill.

**4.2** Ittra Nru. 5838: Talba mil-Kazin PL biex jitpoġġew xi mwejjed barra u jintrama bar ukoll. Il-Kunsill approva.

**4.3** Ittra Nru 5843: Cirkulari Nru 3/16 mid-Dipartiment għal Gvern Lokali

**4.4** Talba miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ għal permessi tal-attivitajiet b'konnessjoni mal-festa kif ukoll talba biex ikun hemm attivita' ta' water games fil-pjazza u jitħallsu l-ispejjez tat-trophies mill-Kunsill.

**4.4.1** Is-Sur Zammit Marmara filwaqt li japprova l-permessi ta' no parking notices ma jaqbilx li l-Kunsill għandu joħroġ il-flus hu.

**4.4.1.1** Is-Sindku wieġeb li s-sena l-oħra din l-attivita' saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u kienu tħallsu minnha. Huwa qed jissuġġerixxi li jingħataw l-istess ammont tas-sena l-oħra. Il-Kunsill approva.

**4.5** Dwar l-ilmenti u korrispondenzi li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 5. <u>Traffic Management Master Plan</u>

**5.1** Il-Viċi Sindku Andre Grech ta preżentazzjoni fuq studju dettaljat li sar biex jittejjeb it-traffiku ġewwa Ħal Balzan u kif nistgħu nevitaw li ċertu toroq jintuzaw mir-residenti biss. Huwa qal ukoll li għad irid isiru konsultazzjonijiet mar-residenti f'dan ir-rigward.

## 6. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

**6.1** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u talab li tittieħed azzjoni mill-wardens fuq double parking li qed isir u anke fuq il-bankina.

6.1.1 Il-Vici Sindku infurmaħ li ser ikellem lis-Sur Ray Zammit biex isir aktar infurzar.

**6.2** Il-Kunsillier DZM talab li fi Triq It-Tabib J. Zammit isiru parking bays li għad ma hemmx. Il-Kunsill approva u ser jitlob għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**6.3** Il-Kunsillier DZM xtaq jgħaddi rimarka fuq l-attitudni tas-Surġent Maġġur tal-Pulizija fejn iddetta lill-Kunsill li l-laqgħa ta' kull sena ma' l-entitajiet ta' qabel il-festa ssir meta jista' u jrid hu. Il-Kunsill għandu jkollu aktar rispett min naħa tiegħu.

**6.4** Il-Kunsillier Joe Galea xtaq jirrimarka li l-ħin tal-laqgħat skont il-liġi jiġu stabbiliti fil-laqgha preċedenti u għandhom jiġu rispettati. Min ma jistax jattendi għandu jinfurma lis-SE b'dan.

**6.5** Il-Viċi Sindku Andre Grech staqsa fiex waslet it-talba ta' lampa ġdida fi Triq Dun Gwann Hammett

**6.5.1** Is-SE wieġeb li din suppost kellha titwaħħal minn Mica Med u ser jiċċekkja jekk din saritx

**6.6** Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill fuq x'intqal waqt il-laqgħa tar-reġjun fejn fosthom hemm problema biex il-kunsilli jitħallsu mill-LESA dak dovut miċ-ċitazzjonijiet li jammontaw għal madwar € 200,000.

**6.7** Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li kellu diskussjoni mal-PPCD fir-rigward tal-Heritage Map biex titella' fuq il-website tal-Kunsill.

**6.8** Il-Viċi Sindku ressaq talba ta' resident għal yellow box quddiem dar fi Triq Wiġi Ebejer. Is-SE talab għal aktar informazzjoni biex ikun jista' japplika ma' Transport Malta.

**6.9.** Il-Kunsillier Daniel Muscat talab li fi Triq Il-Providenza, Sqaq Nru 1 jerġgħu jitqegħdu il-pots f'posthom għaliex qed isir parking fl-isqaq. Il-Kunsillier Joe Galea ser jara li dan ix-xogħol isir.

**6.10** Il-Kunsillier DM talab li jiġu nfurmati tas-sanita' biex issir spezzjoni ġewwa l-istabbiliment Rogolin peress li daħlulu lmenti li qed jinħaraq materjal tossiku meta ssir il-furnata. Il-Kunsill ser jinfurma d-dipartiment b'dan l-ilment.

## 7. Approvazzjoni tal-pagamenti

**7.1** Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-3 ta' Mejju 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 17,529.94. L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Affarijiet Oħra.

**8.1** Is-SE talab lill-Kunsill li hekk kif dalwaqt ser jibdew l-intervisti għal segretarju ġdid mal-Kunsill tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex jiġi ngaġġat Accountant li

jagħmel ukoll ix-xogħol ta' bookeeping li sa' llum kien jagħmlu hu volontarjament. Il-Kunsill talab li l-ewwel ikellem lill-accountant preżenti jaċċettax li jagħmel ix-xogħol ukoll ta' bookeeping.

**8.2** Is-SE infurma lill-Kunsill li hekk kif kien inħatar il-bord biex jintgħazel is-SE il- ġdid talab lill-menbri tal-bord jimlew xi formoli kif ukoll jagħzlu ġurnata meta ser isiru l-intervisti. Il-Kunsill iddeċieda li dawn l-intervisti għal dawk eliġibbli ser isiru nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016 wara l-laqgħa tal-Kunsill.

## 9. Aġġornament tal-Laqgħa

**9.1** Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2016 fis-2.30pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data